# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 486**

**It-Tnejn 15 ta' Jannar, 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Vella – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Joseph Bonnici – Kunsillier
Julian Paul Scicluna – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## 486.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

486.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Bonnici fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Bonnici jkun skużat.

486.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Julian Paul Scicluna fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Julian Paul Scicluna jkun skużat.

## 486.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

486.2.1 Il-minuti tal-485 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

486.2.2 Inqraw il-minuti tal-Laqgħa Annwali Pubblika tal-Kunsill li saret nhar it-Tnejn 15 ta' Jannar 2018.

## 486.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

486.3.1 Is-Sindku qal illi kien inbeda x-xogħol ta' tqegħid ta' servizzi ġodda mill-Korporazzjoni tal-Ilma fi Triq il-Kunvent. Is-Sindku qal ukoll illi kif jitlesta x-xogħol ta' tqegħid ta' servizzi kien ser jinbeda x-xogħol ta' *resurfacing.*

486.3.2 Is-Sur Brian Spiteri qal illi kien hemm xi vetturi li qed jgħaddu *wrong way* biex jidħlu fi Triq il-Kunvent minkejja li twaħħlu t-tabelli tal-*one ways.* Is-Sindku qal illi l-Kunsill mhux responsabbli għall-ħsarat li jistgħu iġarrbu l-vetturi li jgħaddu minn Triq il-Kunvent matul ix-xogħlijiet.

486.3.3 Is-Sur Joseph Agius qal illi kien sar xogħol ta' tħaffir fi Triq il-Kunvent fil-parti fejn kien diġa tlesta xogħol ta' tarmak. Is-Sindku qal illi kien sar xogħol ta' tiswija mill-Korporazzjoni Enemalta minħabba li żviluppat ħsara fuq wieħed mill-*cables* tad-dawl.

486.3.4 Is-Sur Joseph Vella qal illi s-Sibt li għadda Triq il-Kbira kienet ingħalqet għat-traffiku b'makkinarju mingħajr il-preżenza tal-gwardjan lokali u kien inħoloq konġestjoni ta' traffiku.

486.3.5 Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk kienux qed jingħataw permessi ta' użu ta' makkinarju fi Triq l-Iskola sakemm jitlesta x-xogħol fi Triq il-Kunvent. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

486.3.6 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi stampat kalendarju għas-sena 2018 flimkien mal-klabb tas-*St Patrick* bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

486.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-ġranet li ġejjin kienu ser jiġu nstallati żewġ *CCTV cameras* mal-*bring in sites* li hemm fi Triq Mons Sidor Formosa u fi Triq San Ġużepp.

486.3.8 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li tiġi nstallata *CCTV camera* mal-*bring in sites* fi Triq San Ġużepp peress illi kien qed jintrema ħafna skart goff.

486.3.9 Is-Sindku qal illi s-sistema tas-*CCTV cameras* li kienu ġew installati f'Misraħ San Ġakbu kienu ġew vandalizzati u misruqa. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li titwaħħal sistema ġdida għall-prezz ta' €2,883.74 mingħand il-kumpanija *Total Concept Limited.*

486.3.10 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għas-servizz tal-*internet* sabiex is-*CCTV cameras* ta' Misraħ San Ġakbu jiġu mqabbda mal-għassa tal-pulizija.

486.3.11 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li s-*CCTV cameras* ta' Ġnien il-Kunsill jiġu mqabbda mal-għassa tal-pulizija wkoll.

486.3.12 Is-Sur Joseph Vella qal illi n-numru ta' *floodlights* li twaħħlu f Misraħ San Ġakbu għenu biex jonqos il-vandaliżmu fil-pjazza.

486.3.13 Is-Sindku qal illi kienet saret it-talba għad-devoluzzjoni tal-art pubblika li hemm f'Misraħ San Nikola. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob il-permess tad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex il-Kunsill ikun jista' jissottometti l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar.

486.3.14 Is-Sindku qal illi l-Perita tal-Kunsill issuġġeriet li jsir *underground parking* f'Misraħ San Nikola. Il-Viċi-Sindku qal illi f'Misraħ San Nikola aktarx li hemm ġibjun taħt l-art. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien talab lill-Perita tal-Kunsill sabiex toħroġ stima għal *underground parking* f'Misraħ San Nikola.

486.3.15 Is-Sindku tkellem dwar l-istendina uffiċjali għal *Eschenfest* li ser issir f'Mejju li ġej u talab lill-Kunsillieri sabiex jinfurmawh f'każ li jkunu nteressati li jmorru Eschborn. Is-Sindku ppropona li l-ispiża totali għal *Eschenfest* m'għandhiex taqbeż is-somma ta' €2,000. Is-Sindku qal ukoll li f'każ li l-ispiża tad-delegazzjoni taqbeż is-somma ta' €2,000 din id-differenza għandha tinqasam bejn il-Kunsillieri. Is-Sur Roderick Vella ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

## 486.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

486.4.1 Il-Viċi-Sindku nforma lill-Kunsill illi ġiet sottomessa l-applikazzjoni taħt il-Miżura 4.4 - Appoġġ għall-investimenti mhux produttivi marbuta mal-kisba ta' 'objettivi agro-ambjentali-klimatiċi ffinanzjata minn fondi ewropej taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta sabiex isir restawr fil-ħajt tas-sejjiegħ fi Triq in-Nissieġ. Il-Viċi-Sindku qal ukoll illi dan il-proġett kien ser jiswa madwar €55,000.

486.4.2 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien hemm diversi ħitan tas-sejjiegħ li setgħu jiġu rranġati bil-fondi ewropej taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta fostom il-ħajt tas-sejjiegħ fi Triq Wied il-Għajn u l-ħajt tas-sejjiegħ fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa peress illi kien perikoluż.

486.4.3 Is-Sur John J Pace talab li jiġi rranġat ħajt tas-sejjiegħ fi Triq l-10 ta' Settembru.

486.4.4 Il-Viċi-Sindku nforma lill-Kunsill illi fix-xhur li ġejjin kienet ser terġa' toħroġ sejħa simili ffinanzjata minn fondi ewropej taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta.

486.4.5 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien ġie avviċinat mis-Sur Paul Magro f'isem il-Mużew tas-Santwarju u ġiet diskussa l-possibilta` li l-Kunsill jingħata lura l-istatwa ta' San Ġakbu biex titpoġġa fis-sit fejn oriġinarjament kienet f'Misraħ San Ġakbu. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-istatwa ta' San Ġakbu kienet waqgħet fil-gwerra u bħalissa kienet qed tinżamm fil-Mużew tas-Santwarju. Is-Sur Buttigieg qal ukoll illi kien hemm il-ħsieb li din l-istatwa tiġi rrestawrata mis-Sur Louis Xuereb.

486.4.6 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fis-16 ta' Jannar 2018 kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani fil-Belt Valletta relatata mal-attivitajiet tal-Valletta 2018.

486.4.7 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jinbidel ix-xitel li hemm fuq iz-zuntier tal-knisja.

486.4.8 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jsiru *hatching lines* fi Triq tal-Labour ma' Triq Bajada.

486.4.9 Is-Sur Brian Spiteri talab li tiġi spustjata z-*zebra crossing* li hemm fi Triq l-10 ta' Settembru peress illi kienet ta' periklu. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li tiġi spustjata z-*zebra crossing* li hemm man-naħa ta' Ħaż-Żabbar, jinqalgħu uħud mis-siġar taċ-ċawsli li hemm fuq iċ-*central strip* u minflok issir *pedestrian*.

486.4.10 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill illi fil-15 ta' Frar 2018 kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani.

486.4.11 Is-Sinjura Anna Calleja rreferiet għall-proġett *Urban Greening Project 2018* u staqsiet meta kien ser jinbeda t-tħawwil ta' siġar u arbuxelli f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien għad irid jiffirma l-kuntratt mal-Ministeru għall-Ambjent, l-Iżvilupp Sostenibbli u t-Tibdil fil-Klima u wara tinħareġ sejħa għall-offerti mill-Kunsill sabiex isir dan ix-xogħol.

486.4.12 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill stima mibgħuta mingħand il-kumpanija *Leon Promotions* għall-organizzazzjoni tal-Karnival ta' din is-sena għall-ħlas ta' €1,280. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi aċċettata din l-offerta.

486.4.13 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-attività tal-Karnival tiġi organizzata fil-venda l-antika ta' Ħaż-Żabbar wara nofsinhar.

486.4.14 Is-Sur Joseph Vella ppropona li li tiġi organizzata ukoll sfilata tal-Karnival il-Ħadd filgħodu. Is-Sur Roderick Vella ssekonda l-proposta tas-Sur Joseph Vella u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

486.4.15 Is-Sur Joseph Agius irrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar il-programm 'Illum ma' Steph' li jintwera fuq l-istazzjon nazzjonali u hu ppreżentat minn Stephanie Spiteri. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-Kunsill kienx ser jipparteċipa f'din l-l-inizjattiva. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jkun parteċipi f'din l-inizzjattiva.

486.4.16 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kienx sar kuntatt mas-Sur Trevor Zahra sabiex jiġu organizzati s-serati ta' qari ta' kitbiet għall-kbar li jinkludu novelli, poeżiji u siltiet varji. Il-Viċi-Sindku qal illi kien ser jagħmel kuntatt mas-Sur Trevor Zahra fil-futur viċin.

486.4.17 Is-Sur Joseph Aguis qal illi nhar it-Tlieta 16 ta' Jannar 2018 kien ser jorganizza ħarġa għall-persuni b'diżabilità fis-*Soreda Hotel* San Pawl il-Baħar. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jipprovdi t-trasport għal din l-attività.

486.4.18 Is-Sur Joseph Vella talab biex l-attivitajiet tal-Kunsill jitellgħu fuq il-midja soċjali tal-Kunsill.

## 486.5 Estimi Annwali 2018

486.5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Estimi Annwali għas-sena 2018. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri.

486.5.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-allokazzjoni għas-sena 2018 ser tkun tammonta għal €938,102 u rrimarka li din is-sena hemm żieda ta' 4.5% iktar minn dik tas-sena l-oħra. Is-Sindku qal li l-ammont ta' €938,102 jinkludi l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kumitat Amministrattiv St Peter.

### 486.6 Jum Ħaż-Żabbar

486.6.1 Is-Sindku tkellem dwar il-programm tal-1 ta' Frar 2018 u qal illi ser issir quddiesa tal-okkażjoni u wara ser isir riċeviment li ser jibda fis-7.00 ta' filgħaxija fejn ser jiġu ppreżentati l-onorifiċenzi flimkien ma' diskors mis-Sindku. Is-Sindku qal ukoll illi kienu ser jinkrew *bistro tables* sabiex jintużaw matul ir-riċeviment. Is-Sindku kompla jgħid illli din is-sena s-serata kienet ser tiġi organizzata differenti mis-snin ta' qabel u ma kinitx ser issir serata mużiko-letterarja.

### 486.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

486.7.1 Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill approva unanimament ix-*schedule of payments* għall-perjodu mill-11 ta' Diċembru 2017 sal-15 ta' Jannar 2018 li kien jammonta għal €101,967.77.

486.7.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mil-Viċi Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Diċembru 2017 li kien jammonta għal €79.84.

486.7.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-lista ta' kotba Żabbar – *A Living History* li ngħataw bħala *complimentary* bejn is-17 ta' Diċembru 2016 u s-7 ta' Dicembru 2017. Din il-lista ġiet approvata unanimament mill-Kunsill fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

486.7.4 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament ukoll li jġedded il-*Group Health Policy* tal-impjegati tal-Kunsill kif ukoll tal-Kunsillieri għall-perjodu ta' sena għall-ħlas ta' €48.70 għal kull persuna.

### 486.8 Mozzjonijiet

486.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

### 486.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

486.9.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 19 ta' Frar 2018.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-490 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 19 ta' Frar, 2018.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku